MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 336/2004

**V Y**
**vs**
**S N Y,**
**rapprezentat mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratrici Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-istess**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Jannar 1992; li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, mohqrija, eccessi minacci u ngurji gravi da parti tal-konvenut; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tipprocedi ghall-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut; [2] tiffissa retta alimentarja ghaliha; [3] tittermina, tillikwida

u tassenja l-kommunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet; [4] tapplika kontra l-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, filwaqt li rrizervaw li jipprezentaw nota ulterjuri;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Stephanie Galea,

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta’ Mejju 2006 li biha gie annullat iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenut assenti ma ressaq beda eccezzjoni dwar il-meritu.

**Separazzjoni Personali – Manteniment- Dekadenza**
Illi peress li bis-sahha tas-sentenza fuq citata z-zwieg bejn il-partijiet gie annullat, mhuwiex aktar il-kaz li din il-Qorti tkompli tikkunsidra l-ewwel, t-tieni talba u r-raba’ talba, u taghti decizjoni dwarhom.

Illi ghalhekk din il-kawza tirriduci ruhha ghal wahda ta’ xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti putattiva gja’ ezistenti bejn il-partijiet sakemm iz-zwieg gie annullat.

**Kommunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-perit legali, u senjatament ghall-kontenut tal-paragrafi 26 u 27[1] minn fejn jirrizulta car li l-assi tal-kommunjoni huma kollha passiv konsistenti fi djun dettaljatament elenkati fil-paragrafu 27, minn fejn jirrizulta li bejn is-sena 1994 u s-sena 2005, u allura fiz-zmien li kienet vigenti l-kommunjoni ta’ l-akkwisti, gew kristalizzati permezz ta’ sentenzi u decizjonijiet debiti fil-konfront tal-konvenut wahdu, u anke ma’ l-attrici.

Ghalhekk dawn id-djun hemm elenkati huma tal-kommunjoni, u ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom, iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.  Kopja tal-kontenut tal-paragrafu 27 qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri odjerni;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, ghall-istess raguni fuq indikata;
[3] tilqa’ t-tielet talba, u tordna x-xoljiment tal-kommunjoni b’ effett mill-31 ta’ Mejju 2006, filwaqt li tillikwida u tassenja l-istess kommunjoni kif fuq indikat fis-sezzjoni ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti.’;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba ghall-istess raguni fuq indikata;

Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe’ ‘Chetcuti.’

Spejjez bla taxxa, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

[1] Fols.41-42

---------------------------------TMIEM---------------------------------